# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 15 ta' Marzu, 2024**

**Rikors Nru. 317/2024**

**VistaJet Group Holding Limited**

**v.**

**Debbie Camenzuli**

**Daniel Apap**

**Houssan Hazzoury**

**Friederich Baldinger**

**Abigail Bartolo**

**u**

**Air X Charter Limited**

1. Bejn VistaJet Group Holding Limited ("VistaJet") u Air X Charter Limited ("Air X") hemm kompetizzjoni qalila fis-suq għal *private jets*.

2. Imma skont VistaJet, l-aġir minn naħa ta' Air X imur lil hinn – ferm lil hinn – minn dik li hi kompetizzjoni normali, anki jekk qalila, f'suq ħieles. Fil-fatt, VistaJet tallega li Air X u l-intimati l-oħra - diriġenti u impjegati tagħha - huma involuti f'konfoffa biex (fost affarijiet oħra) jakkwistaw u jxerrdu informazzjoni kunfidenzjali, u anki privileġġjata, dwar VistaJet; u li dan l-aġir kien il-kawża ta' ħsara lil VistaJet; ħsara li għadha qed issir u li qiegħda anki tqiegħed il-vijabilità kummerċjali ta' VistaJet f'periklu immimenti. Għalhekk il-ħsara hi, dejjem skont VistaJet, tali li ma tistax tiġi rimedjata sempliċement b'kundanna f'danni.

3. Issa t-talba f'din il-proċedura hi kemxejn insolita: hi biex jiġu ppreservati provi ta' din l-allegata konfoffa. VistaJet tgħid li dawn il-provi għandhom sura primarjament elettronika;[1] li huma fil-kontroll tal-intimati; li hi għandha kopja tagħhom (jew ta' ħafna minnhom), ipprokurata leġittimament; u li hemm bżonn li dawn il-provi jibqgħu mhux mittiefsa biex VistaJet tkun f'pożizzjoni li tressaq l-aqwa prova meta tiġi biex tressaq kawża jew kawżi kontra l-intimati jew min minnhom.

4. Il-problema għal VistaJet, almenu kif taraha l-qorti, hi li anki jekk għandha dritt *prima facie* xi tħares, u anki jekk il-konservazzjoni ta' provi hu oġġett leġittimu ta' mandat t'inibizzjoni, tali mandat mhux meħtieġ sabiex jitħares dak id-dritt.

5. Dan għaliex (i) dan il-każ ma jqajjimx riskju li mhux eżistenti fi kważi kull kwistjoni li tinvolvi provi li huma disponibbli għal parti; li huma avversi għaliha, u li m'humiex disponibbli għall-kontro-parti; u (ii) il-prova oriġinali li VistaJet trid li tiġi salvagwardata mhix li l-unika prova li hi ammissibbli.

6. Ir-riskju in kwistjoni minn dejjem eżista u qatt ma hu ser jiġi eliminat.[2] Dak li tgħid VistaJet – li 'jista' jagħti l-każ li l-intimati qegħdin fil-proċess'[3] li jħassru l-provi – fil konfront ta' Air X hi possibilità f'ħafna kawżi, jekk mhux fil-maġġoranza tagħhom. Jista' forsi jingħad li, illum, bil-mezzi elettroniċi li għandu kważi

[1] C*hats*, inklużi *group chats*, fuq pjattaformi bħal WhatsApp u Facebook, inklużi fihom dokumenti annessi fil-forma ta' PDF, ritratti u dokumenti elettroniċi oħra; imejls u *records* elettroniċi oħra.
[2] Mhux li m'hemmx xi jsir dwaru. L-art. 111 tal-Kap. 9 ma jidhirx li jkopri sew il-possibilitajiet prospettati minn VistaJet.
[3] Rikors, para. 8

kulħadd, ir-riskju hu ikbar għaliex id-dokumentazzjoni[4] hi ferm iktar voluminuża u għaliex, possibbilment, hu iktar faċli li wieħed jeliminaha jew jaħbiha jew jimmanipulaha. Fil-fatt l-abbli avukati ta' VistaJet jgħidu li r-riskju hu ogħla f'dan il-każ minħabba (*inter alia*) fatturi bħal dawn u li hu proprju għalhekk, u f'każi ta' din in-natura, li għandha tintervjeni l-qorti.

7. Imma l-qorti ma tarax li għaliex, possibilment, ir-riskju hu ikbar (u b'daqshekk mhix qiegħda taċċetta li hu iktar faċli llum li provi jiġu nieqsa b'aġir volontarju), allura dan jiġġustifika intervent permezz tal-mandat mitlub. Il-qorti ma tarax li jekk jeżisti riskju awmentat dan, waħdu, jagħmel xi differenza. Iktar importanti minn hekk, il-qorti ma tarax li hemm ġustifikazzjoni biex tittratta dan il-każ bħala wieħed eċċezzjonali. Jista', verament, jinvolvi ħafna flus, imma dan ma jfissirx li l-provi f'din il-kawża jitħoqqilhom trattament preferenzjali.

8. Fit-tieni lok, anki jekk ir-riskju li tipprospetta VistaJet kellu javvera ruħu, dan ma jfissirx li għaliex il-prova, fil-forma oriġinali, tkun ġiet nieqsa, allura hi ma tistax tressaq il-prova b'mod ieħor. Dan għaliex il-liġi ma teżiġix l-aqwa prova b'mod assolut, imma l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib.[5] Issa f'dan il-każ it-talba ta' VistaJet hi mgħajjfa b'dak li ddikjarat hi stess, fis-sens li għandha f'idejha, ipprokurata b'mod leġittimu, kopja tad-dokumentazzjoni li għaddiet bejn l-intimati, jew almenu parti sostanzjali minnha. Għalhekk, kif tajjeb sostnew l-istess intimati, VistaJet dejjem tista' tressaq din il-kopja bħala l-aqwa prova disponibbli jekk hekk ikun meħtieġ.

9. M'għandux għalfejn jingħad li dan kollu m'għandux jimplika, b'ebda mod, li l-qorti tqis li jekk jeżistu dawn il-provi, l-intimati jkunu ġustifikati li jħassruhom jew jimmanipulawhom jew jaħbuhom. Stranament, jidher li tali aġir, jekk kellu jsir, ma jikkostitwix delitt. Imma, fit-trattazzjoni tiegħu l-avukat Grech, għan-nom tal-intimati, qal li tali aġir ikun, li kieku kellu jseħħ, jikkostitwixxi nuqqas gravi ta' *bona fidi* da parti tal-intimati, partikolarment issa li jafu li jeżistu pretensjonijiet ta' VistaJet kif imfissra fir-rikors u d-dokumenti annessi. Nuqqas ta' *bona fidi* hi karatterizżazzjoni kemxejn dgħajfa ta' tali aġir, imma l-qorti m'għandhiex il-ħtieġa

[4] B'dan it-terminu, il-qorti tifhem kull forma ta' *record*, sew miktub, printjat u sew elettroniku li fih informazzjoni.
[5] Art. 559 tal-Kap. 12.

li tidħol f'dan l-aspett tal-kwistjoni. Lanqas m'għandha għalfejn tiddubita li l-intimati ser jingħataw il-pariri li għandhom jingħataw.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti (i) tirrevoka d-digriet tat-23 ta' Frar 2024 in kwantu laqa' t-talba proviżorjament; u (ii) tiċħad it-talba definittivament. Spejjeż jitħallsu mill-kumpannija rikorrenti.

Mogħti kameralment.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur